**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 1 ta' Frar 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Omar Zammit)**

**vs**

**Kevin Borg**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Kevin Borg ta' 40 sena, iben George u Maria Assunta xebba Bonnici imwieled Pieta nhar 24 ta' Awwissu 1982, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 468282M u residenti 37, Marina View, Fl 4, Sqaq il-Kubrit, Hamrun

Akkuzat talli:

1. Nhar il-19 ta' Settembru 2022 u fil-granet u xhur ta' qabel, f'Malta, uza vjolenza, inkluz vjolenza morali u, jew psikologika u, jew sfurzar, sabiex igieghel jaghmel, ihalli isir, jew jonqos milli jaghmel, xi haga, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet jew jizola jew jillimita l-access ghall-flus, edukazzjoni jew impjieg ghad-detriment ta' ommu Maria Assunta

Borg u dan bi ksur tal-Artikoli 251(1) 251H; 251HA; u 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi kkawza lil ommu Maria Assunta Borg biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha u dan bi ksur tal-Artikoli 251(3); 222(1)(a) u 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess, lok u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil ommu Maria Assunta Borg biza li ser tintunza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil ommu Maria Assunta Borg biza u dan bi ksur tal-Artikolu 251B(1); 222(1); 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess zmien, lok u corkostanzi, hebb sabiex jingurja, ddejjaq jew jaghmel hsara lill-ommu Maria Assunta Borg, kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) ta' l-istess Kodici Kriminali.

5. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel ingurji u theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali lil ommu Maria Assunta Borg u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali.

6. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati preseduta minn Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D, f'dan li bih inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettiex reat iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 23 ta' Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. U aktar talli rrenda ruhu ricediv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta minn Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D. nhar 29 ta' Ottubru 2018, liema sentenza saret definettiva u ma tistax tigi mibdula u dan bi ksur ta' Artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Kevin Borg ghall-beneficcju ta' ommu Maria Assunta Borg u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna Ordni ta' Trattament u dan ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Maria Assunta Borg u f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja u li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet

**Il-FATTI**

5. Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma in succint is-segwenti:

   (i) Fid-19 ta' Settembru 2022, Maria Assuna ghamlet rapport gewwa l-Violence Domestic Unit li l-imputat, li jigi binha, u jghix fl-istess dar maghha, kellu problema ta' tossiko-dipendenza, u kien kuljum jitlobha ittiha il-flus. Qalet li meta tghidlu li ma tridx ittih flus, kien jheddidha, jsawwatha u ma jhallihix tohrog mid-dar. Ghalhekk hija tispicca ittih il-flus xorta, ghax tibza' minnu.

(ii) Maria Assunta Borg qalet li dak in-nhar fil-ghodu l-imputat kien talabha hamsa u ghoxrin Euro (€25) ghax qalilha li kellu bzonn izid il-mistura. Hija harget mid-dar, u meta giet lura l-imputat qalilha li kellu bzonn hamsa u ghoxrin (€25) Euro ohra. Hija bdiet tghidlu li m'ghandhix biex ittieh iktar flus, izda hu baqa' jinsisti ghal flus u sar aggressiv, u beda jheddidha bhalma kien jaghmel is-soltu, inkluz li beda jheddida bil-kliem "mejjet biex noqtlok".

(iii) Maria Assunta Borg qalet li ippruvat tissaportih, izda imbaghad ma felhitx aktar u tatu l-€25 li kien qed jitlobha halli jitlaq il-barra, ghax bdiet tibza minnu. Meta l-imputat hareg mid-dar, hija giet bil-mohbi tieghu taghmel dan ir-rapport. Qalet ukoll illi dik il-lejla kienet ser tirritorna d-dar sabiex lill-imputat ma ttihx x'jifhem li giet taghmel rapport – dan ghaliex l-imputat kien dejjem jheddida li ma tohrogx hajja mid-dar jekk taghmillu xi rapport u jispicca l-habs.

(iv) Xi granet wara li sar dan ir-rapport, l-imputat gie arrestat in konnessjoni ma' dan ir-rapport u ittiehdu dawn il-proceduri kriminali kontra tieghu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar Htija**

6. Fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti, Maria Assunta Borg irrepetit in sostanza dak li hija kienet qalet lill-Pulizija fir-rapport taghha. Hija xehdet li ghandha tnejn u sebghin (72) sena u ghandha problemi ta' sahha. L-uniku introjtu taghha kienu hames mija u tmenin Euro (€580) li kienet tircievi fix-xahar bhala beneficcju tas-sigurta socjali.

7. Hija qalet li l-imputat kien jabbuza mid-droga, ma kienx jahdem u l-flus li kienu jiehu bhala beneficcju tas-sigurta socjali kien jonfoqhom f'gurnata. Imbaghad kien prattikament ta' kuljum jitlobha bejn hamsin u sittin Euro (€50-60). Jekk hija kienet tirrifjuta li ttih il-flus kien isir agressiv maghha fizikament, anke jwaddbilha oggetti u jsabbat fuq il-bieb tal-kamra tas-sodda taghha fejn gieli kienet tmur tissakkar, jew ma jhallihix tohrog mid-dar, sakemm hija iccedi u ittih il-flus. Kien ilha xi tlett snin tghix f'din il-hajja, u ma kienitx tmur taghmel certifikati medici ghal feriti li kien jikkagunalha ghax l-imputat kien ifittex id-dar ghal karti.

8. Hija qalet li konsegwenza tal-inkwiet tieghu sahhitha marret hafna lura, u spiccat ghandha thallas tlett elef Euro (€3000) ghas-servizz tad-dawl u ilma, ghax il-beneficcju tas-sigurta socjali ma jservihix. Meta ma jkollihx flus biex tatih, l-imputat kien jibghatha iggib il-flus minghand missierha jew minghand il-girien.[1]

9. L-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Omar Zammit zied jghid li kien hemm diversi okkazjonijiet ohra fejn Maria Assunta Borg marret id-Domestic Violence Unit biex tirraporta lill-imputat, izda imbaghad jerga' jibdiela taghmel rapport formali mal-Pulizija ghax kienet tibza' minnu. Fil-fatt ghalkemm hija kienet ghamlet ir-rapport fid-19 ta' Settembru 2022, hija kienet talbitu biex ma jkellmux dak in-nhar, imma jkellmu meta jmur jiffirma l-bail book l-ghassa, in konnessjoni ma' proceduri kriminali ohra. Fil-ftit rapporti ohra li kienet ghamlet fuqu fejn ittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu, Maria Assunta Borg dejjem kienet hafret lill-imputat u l-proceduri kriminali kontrih waqghu.[2] Dan gie ukoll konfermat mill-Ispettur Audrey Micallef u PC2229 Marvyn Camilleri, li wkoll jahdmu fid-Domestic Violence Unit.[3]

10. Ghalkemm fl-istqarrija tieghu l-imputat innega l-allegazzjonijiet li ghamlet ommu fil-konfront tieghu, din il-Qorti li kellha l-opportunita li tisma' lil Maria Assunta Borg tixhed, u ma ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn tiddubita mill-veracita ta' dak kollu li qalet. Fix-xhieda taghha hija qalet li dak li tixtieq huwa li l-imputat jaghmel programm ta' riabilitazzjoni u jbiddel hajtu. Sahhansitra qalet ukoll li jekk il-Qorti taccetta, kienet disposta *"nahfirlu biex tnaqqas il-piena"*.[4] Dan juri li certament m'hemmx animosita min-naha ta' Maria Assunta Borg fil-konfront tal-imputat, kif jipprova jaghti x'jifhem l-imputat fl-istqarrija tieghu.

11. Ghalkemm fix-xhieda tieghu Anthony Borg, hu l-imputat, ipprova jimminizza l-incidenti li kien hemm bejn l-imputat u ommu, hu ammetta li ommu kienet tippanikja meta l-imputat kien jitlobha l-flus ghax ma tkunx trid ittihomlu, pero jghid li meta ommu kienet tirrifjuta li ttih il-flus, l-imputat kien jitlaq 'l hemm. Huwa qal li ma jafx ghalfejn l-imputat, ragel ta' erbghin (40) sena, ikun irid il-flus. Ammetta wkoll li anke hu, li ghandu

---

[1] Ara xhieda ta' Maria Assunta Borg a fol. 48-51, u 154 tal-process.
[2] Ara xhieda tal-Ispettur Omar Zammit a fol. 44-45 tal-process.
[3] Ara xhieda tal-Ispettur Audrey Micallef a fol. 48 u ta' PC2229 Marvyn Spiteri a fol. 97 tal-process.
[4] Ara xhieda ta' Maria Assunta Borg a fol. 153 tal-process.

eta ikbar mill-imputat gieli issellef xi flus minghand ommu. Din il-Qorti m'ghandhix dubbju li x-xhieda ta' Anthony Borg ma hix wahda veritiera u hija inattendibbli.

12. Fid-dawl tas-suespost l-ewwel hames imputazzjonijiet gew debitament ippruvati.

13. Is-sitt imputazzjoni hija ksur tad-digriet tal-helsien mill-arrest moghti minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Dicembru 2020. Vera kopja ta' dan id-digriet giet debitamentipprezentata mill-ispettur Audrey Micallef, l-ufficjal prosekutur f'dawk il-proceduri.[5] Ir-raba' (4) kundizzjoni f'dak id-digriet hija li l-imputat ma jikkomettix delitt iehor ta' natura voluntarja waqt li jkun mehlus mill-arrest. In vista tal-fatt li l-imputat instab hati li ikkometta d-delitti elenkati fl-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, isegwi li huwa kiser ukoll din ir-raba' kundizzjoni ta' dan id-digriet tal-helsien mill-arrest.

14. Is-sitt imputazzjoni hija dik tar-recidiva. Giet ezebita in atti s-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tad-29 t'Ottubru 2018, fejn l-imputat instab hati ta' serq ikkwalifikat, liema sententenza ma gietx appellata.[6] Ghaldaqstant anke din l-imputazzjoni giet debitament ippruvata.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

15. Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fedina penali raffrettarja tal-imputat. Huwa ghandu hdax (11)-il kundanna minn dawn il-Qrati li jinkludi diversi kundanni ghal serq ikkwalifikat u ricettazzjoni, ksur tal-ligijiet tas-sewqan u attentat ta' omicidju volontarju. Huwa inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex ibiddel hajtu billi tpogga diversi drabi taht ordnijiet ta' probation u ordnijiet ta' trattament kif ukoll inghata sentenza sospiza, pero jidher li l-imputat, li illum ghandu erbghin (40) sena, ma ried jitghallem xejn.

16. Fir-rapport taghha tal-24 t'Ottubru 2022, l-Ufficjal tal-Probation li kienet qed issegwi lill-imputat taht ordni temporanja ta' supervizjoni matul dawn il-proceduri qalet li l-imputat

[5] Ara fol. 61 tal-process.
[6] Ara xhieda ta' Doreen Pickard a fol. 99 u s-sentenza fol. 101 – 106 tal-process.

qatt ma wera x-xewqa li jindirizza l-problema tal-abbuz tad-droga, wisq inqas jaghmel programm residenzjali, li l-imputat ma xtaqx li ikun irriferut lill-agenzija Jobsplus sabiex ikun jista' jsib impjieg ladarba johrog mill-habs, u meta dahal il-habs in konnessjoni ma' dawn il-proceduri huwa ttestja posittiv ghall-kokaina, l-eroina u l-kannabis.[7]

17. Ghalkemm fir-rapport taghha, tat-2 ta' Dicembru 2022[8], l-Ufficjal tal-Probation qalet li l-imputat kien ghamel kuntatt mal-Caritas, u kellu ikellmu rapprezentant ta' din l-Agenzija, il-Qorti ghandha dubbju serju fuq il-motivazzjoni tal-imputat li jaghmel dan, u tispera li dan ma kienx tentattiv sabiex jitfa' l-bzar f'ghajnejn din il-Qorti sabiex ma jinghatax piena karcerarja effettiva.

18. Mill-assjem tal-provi migbura, din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat m'hux kapaci jindirizza l-problema akuta tat-tossikodipendenza tieghu jekk dan ma jaghmlux f'ambjent konfinat tal-habs.

19. Fir-rigward tal-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni illi omm l-imputat iddecidiet li tirrapurtah lill-Pulizija meta kienet waslet proprju fl-ahhar wara zmien twil ta' abbuz. Din id-darba hija ghazlet li ma tahfirlux fil-mori ta' dawn il-proceduri. Il-Qorti tirrikonoxxi illi l-pass li hadet omm l-imputat biex waslet biex tirrapurtah kien wiehed ferm difficli u fl-istess waqt kienet decizjoni iebsa mehudha fil-konfront tal-wild taghha. Il-Qorti ma tistghax ma tosservax li l-imputat kien qieghed jabbuza wkoll mill-qalb hanina ta' ommu, u kull darba jassumi li ghalkemm hija tirraportah lill-Pulizija, jekk jittiehdu proceduri kriminali kontrieh kienet imbaghad se tahfirlu – kif dejjem ghamlet s'issa. Fil-fatt fl-istqarrija tieghu huwa jghid hekk lill-Ispettur Omar Zammit: *" … … (G)hada nitkellmu l-Qorti … … 99.9 titla u naf li ha tahfer ukoll biex tkun taf".*[9] Din il-Qorti hija tal-opinjoni li wasal iz-zmien li l-imputat jieqaf darba ghal dejjem li jabbuza mill-buonta ta' ommu, mara anzjana ta' 72 sena.

20. Jekk l-imputat verament ghandu r-rieda li jeghleb il-problema tad-droga li minnha huwa mahkum jista' jindirizzaha minn gewwa l-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi li joffru dan is-servizz, u fil-fatt jirrizulta li diga inkiteb sabiex jiehu dan is-servizz. Huwa risaput ukoll li din l-Agenzija toffri wkoll s-servizz ta' psikologu, jekk l-imputat ikun interessat

---

[7] Ara fol. 80 tal-process.
[8] Ara fol. 151 tal-process.
[9] Ara fol. 121 tal-process.

jaghmel uzu minn dan is-servizz. Jehtieg jekk verament l-imputat irid jindirizza il-vizzju tieghu ta' abbuz ta' droga li bl-ghajnuna tal-professjonisti li hemm gewwa l-habs isir pjan ta' kura bil-ghan li l-istess imputat jista' jikseb il-frott mixtieq minn kulhadd.

21. Din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha timponi kundizzjoni li l-imputat jkun ordnat isegwi programm ghaliex temmen li sabiex dan il-programm ikun success din ghandha tkun triq li jghazel hu b'mod volontarju u determinat.

22. Finalment il-Qorti tosserva illi minkejja li l-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat bil-ksur tad-digriet tal-helsien mill-arrest, hija naqset li titlob ir-revoka tad-digriet tal-helsien mill-arrest u r-ri-arrest tieghu kif kienet intitolata li taghmel ai termini tal-Artikolu 579(3) tal-Kodici Kriminali. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, minn qari akkurat tal-ligi, meta jittiehdu proceduri ghal ksur tal-bail quddiem il-Qorti li tkun tat il-helsien mill-arrest ai termini tal-Artikolu 579(1), dik il-Qorti hija obbligata li tohrog mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat. Pero, meta l-Pulizija jiehdu proceduri ghal ksur tal-helsien mill-arrest ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, *"l-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna."* (Artikolu 579(3))

23. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan ifisser li meta jittiehdu proceduri kriminali ghal ksur ta' bail ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, bhalma hu l-kaz odjern, hija l-Pulizija li ghandha l-fakolta titlob ir-revoka tad-digriet mill-arrest, u r-ri-arrest. Jekk il-Pulizija ma taghmilx dan, il-Qorti ma tistax *ex officio* taqbad u tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest, kif hija obbligata li taghmel meta l-proceduri tal-helsien mill-arrest isiru ai termini tal-Artikolu 579(1) tal-Kodici Kriminali.

24. Madanakollu, ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti hija obbligata f'kaz ta' sejbien ta' htija, li tordna il-konfiska tal-garanzija in toto jew in parte, ghax il-leġiżlatur uża l-kliem *"għandha"* u *"għandu"* u konsegwentement il-konfiska taħt dan is-subartikolu baqgħet tassattiva. Dak li tħalla fid-diskrezzjoni tal-Qorti huwa jekk għandux jiġi konfiskat l-ammont tal-garanzija kollu jew parti minnu, u dan skond il-gravita tar-reat, u ċioe il-gravita tal-ksur li a bażi tiegħu l-imputat ikun instab ħati tar-reat in eżami. Fil-kaz odjern, il-Qorti hija tal-opinjoni li jkun opportun li tikkonfiska biss parti mill-garanzija personali ta' hamest elef Euro (€5,000) imposta fid-digriet tal-helsien mill-arrest.

**Konkluzjoni**

25. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Wara li rat l-Artikoli 251(1), 251H(a) u (b), 251HA, 202(h)(iii), 251(3), 251H(a) u (b), 251HA, 202(h)(iii), 251B(1), 251H(a) u (b), 251HA, 202(h), 339(1)(d), 339(1)(e), 579(2) u (3), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' hames (5) snin, li minnha ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.

(2) tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' elf u hames mitt Euro (€1500) formanti parti mill-garanzija personali imposta fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 18 ta' Dicembru 2020 moghti minn din il-Qorti preseduta mill-Magistrat Dottor Claire Stafrace Zammit, u jekk dan l-ammont ma jithallasx immedjatament, dan l-ammont jigi konvertit f'perjodu ulterjuri ta' prigunerija skond il-ligi.

(3) Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront tal-hati Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Maria Assunta Borg. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tinħareġ għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data tal-iskadenza jew il-mahfra tal-piena. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

26. Il-Qorti tordna li kopja ta' l-Ordni tat-Trazzin tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**